MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Numru. 290/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**CHRISTIAN BUHAGIAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Christian Buhagiar, ta’ 28 sena, iben Anthony u Carmen xebba Privitelli, imwieled Pieta’ nhar it-13 ta’ Frar 1985, residenti 70, Madonna ta’ Pinu, Triq is-Suq, Floriana u detentur ta’ Karta ta’ l-Identita' bin-numru 131785M

Gie akkuzat talli is-16 ta’ Frar, ghall-habta tal-15.00 ta’ wara nofsinhar, gewwa l-Floriana;

1. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47, imma inqas minn €1164.69

2. ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Alan Zammit hekk kif iccertifikat minn Dr. Francis Dalli MD

3. volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. KB6 u nnutat li l-imputat Christian Buhagiar m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 325(1)(b), 221(1) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Christian Buhagiar, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat u li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-imputat Christian Buhagiar taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin

millum u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat Christian Buhagiar ghall-piena ta’ mitt Euro (Euro 100) multa.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Christian Buhagiar b’obbligazzjoni personali ta’ elf Ewro (Ewro 1000) li jzomm il-kwiet ma’ Alan Zammit u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Christian Buhagiar l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------